MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

Mandat Numru. 145/2010/1

Malta Industrial Parks Limited

Vs

Bryvarc Limited

Illum it-Tlieta, 18 ta' Jannar 2011.

Il-Qorti,

Regghet rat ir-rikors prezentat minn Bryvarc Limited fid-29 ta' Settembru, 2010 li hu identiku ghal dak li pprezentat fl-atti tal-mandat numru 152/2010 (quddiem il-qorti inferjuri) u 144/2010 (quddiem il-qorti superjuri). Il-kumpannija qeghda titlob li l-mandat ma jkollux effett fuq tnejn mill-magni (numru MPR5000 u MPR5800) ghaliex m'humiex proprjeta taghha.

Rat it-twegiba li pprezentat Malta Industrial Parks Limited fl-14 ta' Ottubru 2010.

Rat l-atti tal-mandat ta’ qbid numru 144/2010 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Bryvarc Limited**.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Jibda biex jinghad li l-mod kif gie registrat l-okkju fir-rikors prezentat fid-29 ta’ Settembru 2010 mhu tal-ebda konsegwenza jew pregudizzju ghal Malta Industrial Parks Limited. Fir-realta’ jirrizulta li Bryvarc Limited ipprezentat zewg rikorsi, wiehed fir-rigward tal-mandat numru 144/2010 u l-iehor b’riferenza ghal dan il-mandat. Rikorsi li huma identici. Ghalhekk l-ilment ta’ Malta Industrial Parks Limited hu minghajr bazi.

2. L-ilment tal-kreditur li r-rikors qatt ma kellu jigi prezentat mill-avukat li qieghed jippatrocina lil Bryvarc Limited, jidher li hu floku gialadarba ma rrizulta li l-avukat ghandu r-rapprezentanza guridika tal-kumpannija jew li gie awtorizzat bil-miktub sabiex jipprezenta atti f’isimha (ara Artikoli 180 u 181A tal-Kap. 12).

3. Dwar it-tielet eccezzjoni, m’huwiex minnu li mandat jista’ jigi revokat biss permezz ta’ kawza (Artikolu 836 tal-Kap. 12). Fis-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2010 id-difensur ta’ Bryvarc Limited iddikjara li r-rikors in kwistjoni ma sarx ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12. Jekk hu hekk il-qorti ma tifhimx kif setghet issir talba simili gialadarba mill-Artikolu 836 hu evidenti li r-revoka totali jew parzjat ta’ mandat kawtelatorju tista’ tintalab fic-cirkostanzi kontemplati f’dak il-provvediment.

4. Madankollu f’kull kaz fil-meritu l-qorti qeghda taddotta *mutatis mutandis* ir-ragunament li ghamlet fil-provvediment li nghata llum fir-rikors identiku li gie prezentat fil-mandat ta’ qbid numru 144/2010.

**Ghaldaqstant, tichad it-talba tas-socjeta Bryvarc Limited bl-ispejjez kontra taghha**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------